MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 681/2009

**Alexander Pirotta**

**vs**

**Angelo Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz ta' l-attur li ppremetta illi l-konvenut kien tah cekk fl-ammont ta' STG1,700, ekwivalenti ghal elf lira Maltin (Lm1,000), illum ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37) bi skambju ghal kontanti fi flus Maltin.

Illi dan ic-cekk ghadu ma ssarrafx sal-lum minkejja li l-konvenut gie interpellat.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tac-cekk.
Illi minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat, baqa' ma ppresenta ebda risposta *entro* it-terminu rikjest mil-ligi.

Ra x-xhieda ta' l-attur li kkonferma li l-ammont pretiz kien ghadu dovut u li l-konvenut ma kien ghadu qatt m'ghamel pagament.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-attur ikkonferma li sallum il-konvenut ma kienx salda d-debitu tieghu u ghalhekk per konsegwenza l-ammont kollu kien ghadu dovut.

Fin-nuqqas ta' risposta da parti tal-konvenut, dan it-Tribunal m'ghandux verzjoni ohra jew provi ohra sabiex jixhtu l-icken dubju fuq il-pretensjoni ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------